MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 184/2006

Il-Kummissarju tal-Artijiet
vs
Marsaxlokk Sailing Club Company Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Marsaxlokk Sailing Club Company Limited li bih esponiet:

Illi permezz ta’ ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tal-Artijiet datata 3 ta’ Novembru 2005 u debitament notifikata lis-socjeta` rikorrenti fl-20 ta’ Jannar 2006, il-Kummissarju tal-Artijiet kien qed jitlob il-hlas tas-somma ta’ sebgha u sebghin elf hames mija u tletin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm77,530.72) rapprezentanti arretrati ta’ kera u kumpens kif dettaljat fl-istess ittra ufficjali.

Illi s-socjeta` rikorrenti bir-rikors odjern kienet qed toggezzjoni ghat-talba tal-Kummissarju tal-Artijiet, ghall-hlas tal-ammont imsemmi, stante li kien hemm pendenti proceduri ghall-hlasijiet ta' krediti spettanti lis-socjeta` rikorrenti, liema kawzi kienu fl-ismijiet Marsaxlokk Sailing Club Company Limited vs J&H Company Limited (Cit. No. 1022/2005TM), (Cit. No. 914/2004TM) u (Cit. No. 763/2003TM). Illi ghalhekk il-proceduri odjerni kellhom jigu sospizi pendenti l-ezitu fil-kawzi indikati, stante li l-mertu u d-decizjoni f'dawk il-kawzi kienu jistghu jinfluwixxu fuq il-mertu tat-talba tal-Kummissarju tal-Artijet riportata fl-ittra ufficjali odjerna.

Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghal dak li kien gja gie eccepit, dan l-ammont ma kienx dovut, peress li s-socjeta` rikorrenti dejjem kienet hallset dak rikjest minnha skond il-ligi, u dan kif kien ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Illi inoltre, l-ammont reklamat kien fi kwalunkwe kaz preskritt ai termini tal-Artikolu 2156(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tichad it-talba tal-Kummissarju tal-Artijiet riportata fl-ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru 2005, u dan ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet li biha espona:

Illi huwa kien gie notifikat nhar is-16 ta' Frar 2006, b'rikors prezentat nhar id-9 ta' Frar, 2006, flimkien mad-digriet moghti mill-Qorti, fejn is-socjeta` rikorrenti kienet qed

tikkontesta l-ammont mitlub mill-intimat, u fejn l-intimat inghata ghoxrin jum ghar-risposta –

Illi in vista tas-succitat, huwa kien qieghed jipprezenta r-risposta odjerna;

1). Illi fl-ewwel lok, ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti kien null, a bazi ta' l-Artikolu 789 (1) (c), tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li kien nieqes mill-forma stabbilita taht l-Artikolu 174 (1)(b), tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2). Illi sekondarjament, u bla pregudizzju ghall-paragrafu precedenti, l-ammont kif pretiz mill-intimat, ai termini tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Gunju 2005, kien kollu dovut, kif kien jindika d-dokument anness mar-risposta u mmarkat Dok "EC1", u ghalhekk il-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti kienu infondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u kellhom jigu michuda.

3). Illi l-proceduri li kien hemm pendenti, bejn is-socjeta` rikorrenti u terzi ma kellhom l-ebda rilevanza ghall-ammont li kien hemm bejn l-intimat u s-socjeta` rikorrenti, stante li l-ammont dovut kien wiehed ta' arretrati ta' kera, illi kienu jirrizultaw minn kuntratt ta' kiri, (Dok "EC2"), fejn is-socjeta` rikorrenti kienet giet rikonoxxuta fil-kirja, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak il-kuntratt, (Dok "EC3"), u ghalhekk kull ammont kien dovut minnha bhala inkwilina tal-intimat.

4). Illi anqas ma kien minnu li l-ammont mitlub mill-intimat kien preskritt, stante li kien hemm korrispondenza da parti tas-socjeta` rikorrenti, fejn diversi drabi kienet ammettiet li hija kellha debiti mal-intimat dwar il-kiri tal-fond mertu tal-kawza odjerna, u ghalhekk ai termini tal-artikolu 2133 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta interrompiet il-preskrizzjoni (Dok "EC4", Dok "EC5" u Dok "EC6").

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti ma kellhiex tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, u tikkundannaha thallas l-ammont kif pretiz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru, 2005.

**C. PROVI:**

Rat l-ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tal-Artijiet lill-Marsaxlokk Sailing Club Company Limited fit-3 ta' Novembru, 2005, u d-dikjarazzjoni annessa ma' l-istess ittra tas-sur Albert Mamo – Kummissarju tal-Artijiet.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din l-Qorti giet mtluba li tiddecidi fuq l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet u cioe` li fl-ewwel lok, ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti huwa null, a bazi ta' l-Artikolu 789 (1) (c), tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li kien nieqes mill-forma stabbilita taht l-Artikolu 174 (1)(b), tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 789 (1) (c) tal-Kap 12 jghid hekk:

**789.** (1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata -

(*a*) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-ligi espressament;

(*b*) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;

(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat;...

L-Artikolu 174 (1)(b), tal-Kap 12 jghid:

**174.** (1) Kull skrittura ghandu jkun fiha - ...

(b) l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-kaz, l-isem li fih jidhru l-partijiet:

Izda f'kull kaz imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 181 ikunu bizzejjed li tissemma' l-kariga tal-parti li tipprezenta jew li kontra taghha tigi pprezentata l-iskrittura, skond il-kaz;..

Ghalhekk l-intimat Kummissarju tal-Artijiet qieghed jissolleva n-nullita` tar-rikors minhabba li fl-att hemm [skond ma jsostni hu] vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi ghax dik il-vjolazzjoni giebet pregudizzju li ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat. Jirreferi ghal

fatt li kull skrittura ghandu jkun fiha l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-kaz, l-isem li fih jidhru l-partijiet. Sostna li r-rikors sar minhabba li giet uzata l-procedura specjali regolata bl-artikolu 466 tal-Kap 12 ghall-liema ittra ufficjali l-Marsaxlokk Sailing Club Company Limited intavolat ir-rikors odjern, u dan minhabba l-fatt li jekk ma ssirx l-opposizzjoni ghat-talba fi zmien ghoxrin jum permezz ta' rikors l-effett ikun daqs gudikat. Qieghed isostni li n-nuqqas tal-okkju jwassal ghan-nullita` tar-rikors. Ghalhekk isostni l-Kummissarju tal-Artijiet li l-pregudizzju li jsofri huwa li jirrendi d-dikjarazzjoni guramentata f'gudikat.

Il-Marsaxlokk Sailing Club Company Limited issostni li l-imsemmi artilkolu 466 ma jsemmi ebda procedura specjali jew formalita' partikolari fil-kaz ta' kontestazzjoni. Sostniet li ma inhalaq ebda pregudizzju ghax intqal li qieghed isir rikors fit-termini tal-artikolu 466 u ghalhekk ma thalla ebda dubbju dwar liema procedura qedgha tintuza. Mir-rikors hu car bizejjed minn huma l-partijiet u dan specjalment in vista tal-fatt li kienet qedgha ssir risposta ghal att gudizzjarju iehor precedenti. Il-Kummissarju tal-Artijiet kellu kull opportunita` li jikkontesta l-azzjoni odjerna adegwatament u ma inhalaq ebda pregudizzju ghad-difiza tieghu.

Ikkunsidrat

Fil-kawza fl-ismijiet **Dr Stefan Frendo vs Philip Attard nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Gunju 1989 [LXXIII-V-97] inghad li c-citazzjoni ma ghandhiex tigi mwaqqa' hlief ghal ragunijiet gravi u, fost kollox, wiehed ghandu jara jekk minn xi nuqqas jew xi zbalji li jkun fiha jigix ippregudikat il-konvenut b'mod li ma jkunx jista' jiddefendi ruhu. Il-ligi ma titlobx kliem partikolari ghal kif ghandha tigi formulta c-citazzjoni, izda bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament u tista' anke tkun indotta mid-domanda, u jekk ma tkunx cara bizzejjed fic-citazzjoni, bizzejjed tkun imfissra fid-dikjarazzjoni, li ghandha titqies haga wahda mac-citazzjoni u ghalhekk tista' tghin biex ticcara l-kawzali; meta ma tinghatax informazzjoni

bizzejjed biex tiftiehem ic-citazzjoni, u l-kawzali u t-talbiet ma humiex cari u jqieghdu lill-konvenut f'diffikolta` biex jiddefendi l-kawza, ic-citazzjoni hija nulla.

Fil-kawza fl-ismijiet **Salvino Busuttil vs Agostino Baldacchino** deciza fit-28 ta' Jannar 1998 mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri [LXXXII-II-30] inghad li hu pacifiku fid-dottrina li n-nullitajiet procedurali ghandhom jirrizultaw espressament mil-ligi.

Ikkunsidrat
Illi l-artikolu 174 (1) (b) jsemmi li kull skrittura ghandu jkun fiha l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-kaz, l-isem li fih jidhru l-partijiet. Imkien ma jghid li dawn iridu jkunu mnizzlin fuq nett fuq in-naha tal-lemin. B'dan certament li l-Qorti mhix qedgha tghid li mhux desiderabbli li titkompla tkun osservata l-prassi li tezisti li b'daqqa ta' ghajn tkun facilment taf fuq liema proceduri wiehed ikn qieghed jitkellem, izda l-kwistjoni hija jekk tali nuqqas jammontax ghal nullita' kif qieghed jitlob l-Kummissarju tal-Artijiet. L-obbligu hu dak li ssemmi l-ligi u cioe' li kull skrittura ghandu jkun fiha l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha l-iskrittura ssir, u, sakemm ikun hemm dan ma jkunx hemm nullita'. Issa fl-att attakkat hemm indikat bl-aktar mod car minn hu r-rikorrent u dan jissemma fit-tieni u tielet linja u postijiet ohra fir-rikors. Jissemma ukoll li dawn il-proceduri qedghin jittiehdu minhabba l-ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tal-Artijiet u li dan huwa fit-termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12.

Ir-rikors sar fit-termini tal-artikolu 466 u ghalhekk ma thalla ebda dubju dwar liema procedura qedgha tintuza. Mir-rikors hu car bizejjed min huma l-partijiet u dan specjalment in vista tal-fatt li kienet qedgha ssir risposta ghal att gudizzjarju iehor precedenti. Il-Kummissarju tal-Artijiet kellu kull opportunita` li jikkontesta l-azzjoni odjerna adegwatament u ma inhalaq ebda pregudizzju ghad-difiza tieghu. Meta wiehed jitkellem dwar pregudizzju dan irid jitqies f'termini irrimedjabbli u mhux ghax ikollu jkompli bil-proceduri.

Finalment jinghad li d-dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ att hija mizura rigida li fejn jista’ jkun wiehed ghandu jevita tant li fl-artikolu 175 tal-Kap 12 il-Kodici jitkellem dwar is-setgha tal-Qorti li tordna jew taghti li jsir tibdil fl-iskritturi.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad din l-ewwel eccezzjoni.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Il-kawza differita ghall-provi fuq il-preskrizzjoni taz-zewg partijiet ghat-28 ta’ Novembru, 2006 fil-10.45 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------